# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/220

## tas-6 ta' Frar 2019

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 19(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([2]) huwa li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 338/97 u li jiżgura l-konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) ("il-Konvenzjoni").

(2) Fis-sbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni, ġew miftiehma ċerti bidliet fir-Riżoluzzjoni Conf. 11.20 (Rev. CoP17) tas-CITES, rigward il-kummerċ fl-ilfunjanti u r-rinoċeronti ħajjin. Fl-istess laqgħa, il-lista tar-referenzi standard għan-nomenklatura annessa mar-Riżoluzzjoni Conf. 12.11 (Rev. CoP17) tas-CITES, li tintuża biex tindika l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet f'permessi u ċertifikati, ġiet ristrutturata u aġġornata.

(3) Fil-laqgħa nru 67 tiegħu, il-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni adotta linji gwida riveduti għat-tressiq tar-rapport annwali. Il-linji gwida jinkludu kodiċijiet riveduti li għandhom jiġu inklużi fid-deskrizzjoni tal-kampjuni, kif ukoll l-unitajiet ta' kejl li għandhom jintużaw fil-permessi u fiċ-ċertifikati.

(4) Il-bidliet fir-Riżoluzzjonijiet Conf. 11.20 u Conf. 12.11 tas-CITES, u l-kodiċijiet u l-unitajiet ta' kejl riveduti, jeħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 865/2006 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Fawna u l-Flora Selvaġġi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 865/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-Artikolu 5b li ġej:

"*Artikolu 5b*

**Kontenut speċifiku tal-permessi u taċ-ċertifikati għar-rinoċeronti ħajjin u għall-iljunfanti ħajjin**

Il-permessi u ċ-ċertifikati maħruġin skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni mill-ġdid tar-rinoċeronti ħajjin jew tal-iljunfanti ħajjin minn popolazzjonijiet inklużi fl-Anness B ta' dak ir-Regolament għandhom jinkludu kundizzjoni li tiddikjara li l-qrun jew l-avorju minn dawk l-annimali jew minn uliedhom ma jistgħux jidħlu f'kummerċ jew f'attivitajiet kummerċjali fi ħdan l-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rinoċeronti ħajjin jew l-iljunfanti ħajjin minn dawk il-popolazzjonijiet ma għandhomx ikunu soġġetti għall-kaċċa għat-trofej barra mill-firxa storika tagħhom";

([1]) OJ L 61, 3.3.1997, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

(2) L-Annessi VII u VIII huma sostitwiti bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

"*ANNESS VII*

Kodiċijiet li jridu jiġu inklużi fid-deskrizzjoni tal-kampjuni u unitajiet ta' kejl li jridu jintużaw fil-permessi u ċ-ċertifikati skont l-Artikolu 5(1) u (2)

| Deskrizzjoni | Kodiċi tat-term. kumm. | Unità preferuta | Unità alternattiva | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| baliena | BAL | kg | numru | lanżit f'ħalq il-baliena |
| qoxra ta' siġra | BAR | kg | | qoxra ta' siġra (naturali, imnixxfa jew magħmula trab; mhux ipproċessata) |
| ġisem | BOD | numru | kg | annimali mejtin sostanzjalment sħaħ, inkluż ħut frisk jew ipproċessat, fkieren tal-baħar ibbalzmati, friefet ibbalzmati, rettili fl-alkoħol, trofej tal-kaċċa sħaħ ibbalzmati, eċċ. |
| għadam | BON | kg | numru | għadam, inkluż ixdqa |
| calipee | CAL | kg | | calipee jew calipash (il-qarquċa tal-fekruna tal-baħar għassoppa) |
| karapaċa | CAP | numru | kg | qxur sħaħ naturali jew mhux maħduma tal-ispeċijiet *Testudines* |
| tinqix | CAR | kg | numru | prodotti mnaqqxa għajr l-avorju, l-għadam u l-qrun - pereżempju l-qroll u l-injam (inkluż oġġetti tal-artiġjanat).<br>Nota: It-tinqix tal-avorju għandu jiġi speċifikat bħala tali (ara isfel - "IVC"). Barra minn hekk, għall-ispeċijiet li minnhom jistgħu jitnaqqxu aktar minn tip ta' prodott wieħed (eż. qarn u għadam), il-kodiċi tat-terminu kummerċjali għandu jindika t-tip ta' prodott fil-kummerċ (eż. tinqix tal-għadam "BOC" jew tinqix tal-qarn "HOC"), fejn possibbli. |
| tinqix - għadam | BOC | kg | numru | tinqix tal-għadam |
| tinqix - qarn | HOC | kg | numru | tinqix tal-qarn |
| tinqix - avorju | IVC | kg | numru | tinqix tal-avorju, inkluż eż. biċċiet maħduma żgħar tal-avorju (imqabad tas-skieken, settijiet tal-iskakki, settijiet tal-mahjong, eċċ.). Nota: In-nejbiet sħaħ imnaqqxa għandhom jiġu rrappurtati bħala nejbiet (ara "TUS" hawn isfel). Il-ġojjellerija li ssir mill-avorju mnaqqax għandu jiġi rrappurtat bħala "ġojjellerija - avorju" (ara "IJW" hawn isfel). |
| kavjar | CAV | kg | | bajd mejjet ipproċessat u mhux fertilizzat mill-ispeċijiet kollha ta' *Acipenseriformes*; magħruf ukoll bħala "roe" (għenieqed ta' bajd) |
| laqx | CHP | kg | | laqx tal-injam, speċjalment *Aquilaria* spp., *Gyrinops* spp. u *Pterocarpus santalinus* |
| difer | CLA | numru | kg | dwiefer – eż. ta' *Felidae*, *Ursidae* jew *Crocodylia* (Nota: "dwiefer tal-fekruna tal-baħar" – ġeneralment ikunu qxur u mhux dwiefer reali) |

| Deskrizzjoni | Kodiċi tat-term. kumm. | Unità preferuta | Unità alternattiva | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| drapp | CLO | $m^2$ | kg | drapp – jekk id-drapp ma jkunx magħmul kollu kemm hu mix-xagħar ta' speċi tas-CITES, il-piż tax-xagħar tal-ispeċi kkonċernata għandu jiġi rreġistrat, jekk possibbli, taħt "HAI" |
| qroll (naturali) | COR | numru | kg | qroll u blat tal-qroll naturali jew mhux maħdum (kif ukoll blat ħaj u substrat) [kif iddefinit fir-Riżoluzzjoni Conf. 11.10 (Rev. CoP15)]. Il-blat tal-qroll għandu jiġi rreġistrat bħala "*Scleractinia* spp."<br>Nota: il-kummerċ għandu jiġi rreġistrat bin-numru ta' biċċiet biss jekk il-kampjuni tal-qroll jiġu ttrasportati fl-ilma.<br>Il-blat ħaj (ittrasportat f'kaxex, fl-umdu) għandu jiġi rrapportat f'kg; is-substrat tal-qroll għandu jiġi rrapportat bin-numru ta' biċċiet (billi dawn jiġu ttrasportati fl-ilma bħala s-substrat li miegħu jkunu maqbudin l-qrolliet mhux tas-CITES). |
| kożmetiċi | COS | g | ml | kożmetiċi li fihom estratti ta' speċijiet elenkati fis-CITES. Il-kwantità għandha tirrifletti l-ammont ta' speċijiet preżenti elenkati fis-CITES. |
| kultura | CUL | numru ta' flasks, eċċ. | | kulturi ta' pjanti mnisslin artifiċjalment |
| derivattivi | DER | kg/l | | derivattivi (għajr dawk inklużi xi mkien ieħor f'din it-tabella) |
| pjanti mnixxfin | DPL | numru | | pjanti mnixxfin – eż. kampjuni ta' erbarju |
| widna | EAR | numru | | widnejn – ġeneralment tal-iljunfanti |
| bajd | EGG | numru | kg | bajd sħiħ mejjet jew imbattal (ara wkoll "kavjar") |
| bajd (ħaj) | EGL | numru | kg | bajd ħaj fertilizzat – ġeneralment ta' għasafar u rettili, iżda jinkludi wkoll ħut u invertebrati |
| qoxra ta' bajda | ESH | g/kg | | qoxra ta' bajda naturali jew mhux maħduma, għajr bajd sħiħ |
| estratt | EXT | kg | l | estratt – ġeneralment estratti ta' pjanti |
| rix | FEA | kg/numru ta' ġwienaħ | numru | rix – fil-każ ta' oġġetti (eż. stampi) magħmula mir-rix, irreġistra n-numru ta' oġġetti |
| fibra | FIB | kg | m | fibri – eż. fibri minn pjanti, iżda jinkludu fibri tal-pali tat-tennis |
| pinna | FIN | kg | | pinen jew biċċiet ta' pinen friski, iffriżati jew imnixxfa (inkluż flipers) |

| Deskrizzjoni | Kodiċi tat-term. kumm. | Unità preferuta | Unità alternattiva | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| ħut żagħżugħ (fingerlings) | FIG | kg | numru | ħut żgħir, bl-età ta' sena jew sentejn, għall-kummerċ tal-akkwarji, għall-imfaqas jew għal operazzjonijiet ta' rilaxx |
| fjura | FLO | kg | | fjuri |
| qasrija għall-fjuri | FPT | numru | | qsari għall-fjuri, magħmula minn partijiet ta' pjanta - eż. fibri tad-diksonja (nota: pjanti ħajjin innegozjati fl-hekk imsejħa "qsari tal-komunità" għandhom jiġu rreġistrati bħala "pjanti ħajjin", mhux bħala qsari għall-fjuri) |
| saqajn iż-żriġ | LEG | kg | | saqajn iż-żriġ |
| frott | FRU | kg | | frott |
| sieq | FOO | numru | | saqajn – eż. tal-iljunfanti, tar-rinoċeronti, tal-ippopotamu, tal-iljuni, tal-kukkudrilli, eċċ. |
| prodott tal-pil (kbir) | FPL | numru | | prodotti manifatturati kbar tal-pil - eż. kutri tal-pil tal-ors jew tal-linċi, jew prodotti oħra tal-pil ta' daqs sostanzjali |
| prodott tal-pil (żgħir) | FPS | numru | | prodotti manifatturati żgħar tal-pil - inkluż ħendbegs, ornamenti għaċ-ċwievet, portmonijiet, imħaded, tirqim, eċċ. |
| marrara | GAL | kg | | marrara |
| bużżieqa tal-marrara | GAB | numru | kg | bużżieqa tal-marrara |
| biċċa ħwejjeġ | GAR | numru | | ħwejjeġ tal-ilbies - inkluż ingwanti u kpiepel, iżda mhux żraben. Tinkludi wkoll tirqim jew tiżjin fuq il-ħwejjeġ |
| organi ġenitali | GEN | kg | numru | organi ġenitali maskili |
| skwami tal-garġi | GIL | numru | | skwami tal-garġi (eż. għall-klieb il-baħar) |
| għerq għat-tilqim | GRS | numru | | għeruq għat-tilqim (mingħajr it-tilqim) |
| xagħar | HAI | kg | g | xagħar – inkluż ix-xagħar tal-annimali kollha, eż. tal-iljunfanti, tal-yak, tal-vicuña, tal-guanaco |
| prodotti tax-xagħar | HAP | numru | g | prodotti magħmula mix-xagħar (eż. brazzuletti tax-xagħar tal-iljunfanti) |
| qarn | HOR | numru | kg | qrun – inkluż il-qrun taċ-ċriev |
| ġojjellerija | JWL | numru | g | ġojjellerija - inkluż brazzuletti, ġiżirajjen, u oġġetti oħra tal-ġojjellerija minn prodotti għajr l-avorju (eż. injam, qroll, eċċ.) |
| ġojjellerija - avorju | IJW | numru | g | ġojjellerija magħmula mill-avorju |
| prodott tal-ġilda (kbir) | LPL | numru | | prodotti manifatturati kbar tal-ġilda – eż. valiġġetti, għamara, bagalji, bagolli tal-ivvjaġġar |

| Deskrizzjoni | Kodiċi tat-term. kumm. | Unità preferuta | Unità alternattiva | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| prodott tal-ġilda (żgħir) | LPS | numru | | prodotti manifatturati żgħar tal-ġilda - eż. ċinturini, qfieli, sruġ tar-roti, portafolli għaċ-ċekkijiet jew għal karti ta' kreditu, ħendbegs, ornamenti għaċ-ċwievet, notebooks, portmonijiet, żraben, boroż tat-tabakk, kartieri, ċineġ tal-arloġġi u tirqim |
| ħaj | LIV | numru | kg | annimali u pjanti ħajjin |
| werqa | LVS | kg | numru | weraq |
| zokk ta' siġra | LOG | $m^3$ | | l-injam kollu mhux maħdum, bil-qoxra jew mingħajru, imnixxef jew le, jew kwadrat fuq fuq, għall-ipproċessar speċifikament fi njam isserrat, polpa tal-injam jew fuljetti. Nota: il-kummerċ ta' zkuk tal-injam maqtugħin għal għan speċjali nnegozjati skont il-piż (eż. lignum vitae, *Guaniacum* spp.) għandu jiġi rreġistrat f'kg |
| laħam | MEA | kg | | laħam, inkluż il-laħam tal-ħut jekk mhux sħiħ (ara "ġisem"), laħam frisk jew mhux ipproċessat, kif ukoll il-laħam kollu pproċessat (eż. affumikat, nej, imnixxef, iffriżat jew fil-landa) |
| mediċina | MED | kg/l | | mediċina |
| misk | MUS | g | | misk |
| żejt | OIL | kg | l | żejt - eż. minn fkieren tal-baħar, bumerini, balieni, ħut, pjanti varji |
| ġawhra | PRL | numru | | ġawhra (eż. għal *Strombus gigas*) |
| tasti tal-pjanu | KEY | numru | | tasti tal-pjanu tal-avorju (eż. pjanu standard ikun fih 52 tast tal-pjanu tal-avorju) |
| biċċa tal-għadam | BOP | kg | | biċċiet tal-għadam, mhux manifatturati |
| biċċa tal-qrun | HOP | kg | | biċċiet tal-qrun, mhux manifatturati – inkluż skart |
| biċċa tal-avorju | IVP | kg | | biċċiet tal-avorju, mhux manifatturati — inkluż skart |
| pjanċa | PLA | $m^2$ | | pjanċi tal-ġildiet - inkluż twapet jekk ikunu magħmulin minn diversi ġildiet |
| triplaj | PLY | $m^2$ | $m^3$ | materjal magħmul minn tliet folji tal-injam jew aktar, inkollati u ppressati ma' xulxin, u ġeneralment imqiegħda b'mod li l-vini tas-saffi suċċessivi jiġu f'angolu |
| trab | POW | kg | | trab |
| pupa | PUP | numru | | pupi tal-friefet |
| għerq | ROO | numru | kg | għeruq, basal, basal tuberuż jew tuberi<br>Nota: Għall-unitajiet tassonomiċi *Aquilaria* spp. u *Gyrinops* spp. li jipproduċu l-injam tal-agar, l-unità preferuta hija "kg". L-unità alternattiva hija "numru" |

| Deskrizzjoni | Kodiċi tat-term. kumm. | Unità preferuta | Unità alternattiva | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| tapit | RUG | numru | | twapet |
| rostru tal-pixxisega | ROS | numru | kg | rostru tal-pixxisega |
| injam isserrat | SAW | $m^3$ | | injam sempliċement isserrat mit-tul jew prodott minn proċess ta' tixlif fuq il-profil; normalment bi ħxuna ta' aktar minn 6 mm. Nota: il-kummerċ tal-injam isserrat għal għan speċjali ta' injam innegozjat skont il-piż (eż. lignum vitae, *Guaiacum* spp.) għandu jiġi rreġistrat f'kg |
| qxur | SCA | kg | | qxur - eż. tal-fekruna tal-baħar, ta' rettili oħrajn, tal-ħut, tal-pangolini |
| żerriegħa | SEE | kg | | żrieragħ |
| qoxra | SHE | numru | kg | qxur naturali jew mhux maħduma tal-molluski |
| ġenb | SID | numru | | ġnub jew faldi tal-ġlud; ma tinkludix oqsfa Tinga tal-kukkudrill (ara taħt "ġilda") |
| skeletru | SKE | numru | | skeletri sostanzjalment sħaħ |
| ġilda | SKI | numru | | ġlud sostanzjalment sħaħ, naturali jew ikkunzati, inkluż l-oqfsa Tinga tal-kukkudrill, it-tirqim estern tal-ġisem, bil-qxur jew mingħajrhom |
| biċċa tal-ġilda | SKP | kg | | biċċiet tal-ġilda - inkluż skart, naturali jew ikkunzat |
| kranju | SKU | numru | | kranji |
| soppa | SOU | kg | l | soppa - eż. tal-fekruna tal-baħar |
| kampjun (xjentifiku) | SPE | kg/l/ml/ numru | | kampjuni xjentifiċi - inkluż demm, tessut (eż. kilwa, milsa, eċċ.), preparazzjonijiet istoloġiċi, kampjuni ppreżervati għal mużew, eċċ. |
| zokk ta' pjanta | STE | numru | kg | zkuk tal-pjanti<br>Nota: Għall-unitajiet tassonomiċi *Aquilaria* spp. u *Gyrinops* spp. li jipproduċu l-injam tal-agar, l-unità preferuta hija "kg". L-unità alternattiva hija "numru" |
| bużżieqa tal-ħut | SWI | kg | | organu idrostatiku, inkluż isinglass/kolla tal-isturjun |
| denb | TAI | numru | kg | dnieb - eż. tal-caiman (għall-ġilda) jew tal-volpi (għat-tirqim tal-ħwejjeġ, kullari, boas, eċċ.), inkluż id-dnieb taċ-ċetaċji |
| sinna | TEE | numru | kg | snien - eż. tal-balieni, tal-iljuni, tal-ipoppotami, tal-kukkudrilli, eċċ. |
| injam | TIM | $m^3$ | kg | injam naturali għajr zkuk isserrati u njam isserrat |

| Deskrizzjoni | Kodiċi tat-term. kumm. | Unità preferuta | Unità alternattiva | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| trofew | TRO | numru | | trofej - il-partijiet kollha ta' trofej ta' annimal wieħed jekk jiġu esportati flimkien: eż. il-qrun (2), il-kranju, il-ġilda tarras u tal-għonq, il-ġilda tad-dahar, id-denb u s-saqajn (jiġifieri għaxar kampjuni) jikkostitwixxu trofew wieħed. Madankollu, jekk pereżempju l-kranju u l-qrun huma l-uniċi kampjuni ta' annimal li jiġu esportati, dawn l-oġġetti flimkien għandhom jiġu rreġistrati bħala trofew wieħed. Inkella l-oġġetti għandhom jiġu rreġistrati separatament. Ġisem sħiħ ibbalzmat jiġi rreġistrat taħt "BOD". Ġilda weħidha tiġi rreġistrata taħt "SKI". Il-kummerċ fi "muntatura sħiħa", "muntatura tal-ispallejn" u "nofs muntatura", flimkien ma' kwalunkwe parti korrispondenti għall-istess annimal esportati flimkien fuq l-istess liċenzja, għandu jiġi rrappurtat bħala "1 TRO". |
| proboxxide | TRU | numru | kg | proboxxide ta' ljunfant. Nota: Proboxxide ta' ljunfant esportata ma' oġġetti ta' trofew oħra mill-istess annimali fuq l-istess liċenzja bħala parti minn trofew tal-kaċċa għandha tiġi rappurtata bħala "TRO". |
| nejba | TUS | numru | kg | nejbiet sostanzjalment sħaħ, maħduma jew le. Tinkludi nejbiet tal-iljunfanti, tal-ipoppotami, tal-walrus, tan-narwhal, iżda mhux snien oħrajn |
| folji tal-fuljetta | | | | |
| — fuljetta rotatorja | VEN | $m^3$ | kg | safef jew pjanċi rqaq tal-injam ta' ħxuna uniformi, is-soltu 6 mm jew inqas, normalment imqaxxra (fuljetta rotatorja) jew imqattgħa (fuljetta mqattgħa), għall-użu fil-manifattura tat-triplaj, għall-għamara, għall-kontenituri, eċċ. |
| — fuljetta mqattgħa | VEN | $m^2$ | kg | |
| xama' | WAX | kg | | xama' |
| prodott tal-injam | WPR | numru | kg | prodotti manifatturati tal-injam, inkluż prodotti tal-injam lesti bħal għamara jew strumenti mużikali |

**Leġġenda tal-unitajiet ta' kejl**

| Unità ta' kejl | Kodiċi tal-unità |
|---|---|
| grammi | g |
| kilogrammi | kg |
| litri | l |
| ċentimetri kubi | $cm^3$ |
| millilitri | ml |
| metri | m |
| metri kwadri | $m^2$ |
| metri kubi | $m^3$ |
| numru ta' kampjuni | numru |

*Nota:* Jekk ma tiġi speċifikata ebda unità ta' kejl, wieħed għandu jassumi li tkun in-numru (eż. ta' annimali ħajjin).

*ANNESS VIII*

Referenzi standard għan-nomenklatura li għandhom jintużaw skont l-Artikolu 5(4) sabiex jindikaw ismijiet xjentifiċi ta' speċijiet fil-permessi u ċ-ċertifikati

**FAWNA**

| | | Unità tassonomika kkonċernata | Referenza tassonomika |
|---|---|---|---|
| **MAMMALIA** | | | |
| | | l-unitajiet tassonomiċi kollha tal-MAMMALIA<br>— għajr ir-rikonoxximent tal-ismijiet li ġejjin għall-forom selvaġġi tal-ispeċijiet (flok l-ismijiet għall-forom domestiċi):<br>*Bos gaurus, Bos mutus, Bubalus arnee, Equus africanus, Equus przewalskii,* u<br>— għajr l-unità tassonomika mniżżla taħt l-ordnijiet differenti tal-Mammalia aktar 'l isfel | Wilson, D. E. & Reeder, D. M. (ed.) (2005): Mammal Species of the World. A Taxonomic and Geographic Reference. Third edition, Vol. 1-2, xxxv + 2142 pp. Baltimore (John Hopkins University Press). |
| ARTIODACTYLA | Camelidae | *Lama guanicoe* | Wilson, D. E. & Reeder, D. M. (1993): Mammal Species of the World: a Taxonomic and Geographic Reference. Second edition. xviii + 1207 pp., Washington (Smithsonian Institution Press). |
| CETACEA | Balaenopteridae | *Balaenoptera omurai* | Wada, S., Oishi, M. & Yamada, T. K. (2003): A newly discovered species of living baleen whales. - Nature, **426**: 278-281. |
| | Delphinidae | *Orcaella heinsohni* | Beasly, I., Robertson, K. M. & Arnold, P. W. (2005): Description of a new dolphin, the Australian Snubfin Dolphin, *Orcaella heinsohni* sp. n. (Cetacea, Delphinidae). – Marine Mammal Science, **21**(3): 365-400. |
| | Delphinidae | *Sotalia fluviatilis*<br>*Sotalia guianensis* | Caballero, S., Trujillo, F., Vianna, J. A., Barrios-Garrido, H., Montiel, M. G., Beltrán-Pedreros, S., Marmontel, M., Santos, M. C., Rossi-Santos, M. R. & Baker, C. S. (2007). Taxonomic status of the genus *Sotalia*: species level ranking for "tucuxi" (*Sotalia fluviatilis*) and "costero" (*Sotalia guianensis*) dolphins. - Marine Mammal Science, **23**: 358-386. |
| | Delphinidae | *Sousa plumbea*<br>*Sousa sahulensis* | Jefferson, T. A.& Rosenbaum, H. C. (2014): Taxonomic revision of the humpback dolphins (*Sousa* spp.), and description of a new species from Awstralja. - Marine Mammal Science, 30(4): 1494-1541. |
| | Delphinidae | *Tursiops australis* | Charlton-Robb, K., Gershwin, L.-A., Thompson, R., Austin, J., Owen, K. & McKechnie, S. (2011): A new dolphin species, the Burrunan Dolphin *Tursiops australis* sp. nov., endemic to southern Australian coastal waters. - PLoS ONE, 6 (9): e24047. |
| | Iniidae | *Inia araguaiaensis* | Hrbek, T., da Silva, V. M. F., Dutra, N., Gravena, W., Martin, A. R. & Farias, I. P. (2014): A new species of river dolphin from Brazil or: How little do we know our biodiversity. - PLoS ONE 83623: 1-12. |

| | | Unità tassonomika kkonċernata | Referenza tassonomika |
|---|---|---|---|
| | Phocoenidae | *Neophocaena asiaeorientalis* | Jefferson, T. A. & Wang, J. Y. (2011): Revision of the taxonomy of finless porpoises (genus *Neophocaena*): The existence of two species. - Journal of Marine Animals and their Ecology, 4 (1): 3-16. |
| | Physeteridae | *Physeter macrocephalus* | Rice, D. W., (1998): Marine Mammals of the World: Systematics and Distribution - Society of Marine Mammalogy Special Publication Number 4, The Society for Marine Mammalogy, Lawrence, Kansas. |
| | Platanistidae | *Platanista gangetica* | Rice, D. W., (1998): Marine Mammals of the World: Systematics and Distribution - Society of Marine Mammalogy Special Publication Number 4, The Society for Marine Mammalogy, Lawrence, Kansas. |
| | Ziphiidae | *Mesoplodon hotaula* | Dalebout, M. L., Scott Baker, C., Steel, D., Thompson, K., Robertson, K. M., Chivers, S. J., Perrin, W. F., Goonatilake, M., Anderson, C. R., Mead, J. G., Potter, C. W., Thompson, L., Jupiter, D. and Yamada, T. K. (2014): Resurrection of *Mesoplodon hotaula* Deraniyagala 1963: A new species of beaked whale in the tropical Indo-Pacific. - Marine Mammal Science, 30 (3): 10811108. |
| PRIMATI | Atelidae | *Ateles geoffroyi* | Rylands, A. B., Groves, C. P., Mittermeier, R. A., Cortes-Ortiz, L. & Hines, J. J. (2006): Taxonomy and distributions of Mesoamerican primates. - In: A. Estrada, P. Garber, M. Pavelka and L. Luecke (eds), New Perspectives in the Study of Mesoamerican Primates: Ecology, Behavior and Conservation, pp. 29-79. Springer, New York, USA. |
| | Aotidae | *Aotus jorgehernandezi* | Defler, T. R. & Bueno, M. L. (2007): *Aotus* diversity and the species problem. – Primate Conservation, 22: 55-70. |
| | Cebidae | *Callithrix manicorensis* | Garbino, T. & Siniciato, G. (2014): The taxonomic status of *Mico marcai* (Alperin 1993) and *Mico manicorensis* (van Roosmalen et al. 2000) (Cebidae, Callitrichinae) from Southwestern Brazilian Amazonia. - International Journal of Primatology, 35 (2): 529-546. (għal *Mico marcai* iggruppat ma' *Mico manicorensis* u ttrattat bħala *Callithrix manicorensis* skont is-CITES) |
| | Cebidae | *Cebus flavius* | Oliveira, M. M. de & Langguth, A. (2006): Rediscovery of Marcgrave's Capuchin Monkey and designation of a neotype for *Simia flava* Schreber, 1774 (Primates, Cebidae). - Boletim do Museu Nacional do Rio de Janeiro, N.S., Zoologia,**523**: 1-16. |
| | Cebidae | *Mico rondoni* | Ferrari, S. F., Sena, L., Schneider, M. P. C. & Júnior, J. S. S. (2010): Rondon's Marmoset, *Mico rondoni* sp. n., from southwestern Brazilian Amazonia. - International Journal of Primatology, **31**: 693-714. |
| | Cebidae | *Saguinus ursulus* | Gregorin, R. & de Vivo, M. (2013): Revalidation of *Saguinus ursula* Hoffmannsegg (Primates: Cebidae: Callitrichinae). - Zootaxa, **3721** (2): 172-182. |
| | Cebidae | *Saimiri collinsi* | Merces, M. P., Alfaro, J. W. L., Ferreira, W. A. S., Harada, M. L. & Júnior, J. S. S. (2015): Morphology and mitochondrial phylogenetics reveal that the Amazon River separates two eastern squirrel monkey species: *Saimiri sciureus* and *S. collinsi*. - Molecular Phylogenetics and Evolution, **82**: 426-435. |

| | | Unità tassonomika kkonċernata | Referenza tassonomika |
|---|---|---|---|
| | Cercopithecidae | *Cercopithecus lomamiensis* | Hart, J.A., Detwiler, K.M., Gilbert, C.C., Burrell, A.S., Fuller, J. L., Emetshu, m., Hart, T.B., Vosper, A., Sargis, E.J. & Tosi, A.J. (2012): Lesula: A new species of *Cercopithecus* monkey endemic to the Democratic Republic of Congo and implications for conservation of Congo's Central Basin. - PLoS ONE, **7** (9): e44271. |
| | Cercopithecidae | *Macaca munzala* | Sinha, A., Datta, A., Madhusudan, M. D. & Mishra, C. (2005): *Macaca munzala*: A new species from western Arunachal Pradesh, northeastern India. - International Journal of Primatology,**26**(4): 977-989: doi: 10.1007/s10764-005-5333-3. |
| | Cercopithecidae | *Rhinopithecus strykeri* | Geismann, T., Lwin, N., Aung, S. S., Aung, T. N., Aung, Z. M., Hla, T. H., Grindley, M. & Momberg, F. (2011): A new species of snub-nosed monkey, genus *Rhinopithecus* Milne-Edwards, 1872 (Primates, Colobinae), from Northern Kachin State, Northeastern Myanmar. - Amer. J. Primatology, **73**: 96-107. |
| | Cercopithecidae | *Rungwecebus kipunji* | Davenport, T. R. b., Stanley, W. t., Sargis, E. j., de Luca, D. w., Mpunga, N. E., Machaga, S. J. & Olson, L. E. (2006): A new genus of African monkey, *Rungwecebus*: Morphology, ecology, and molecular phylogenetics. - Science,**312**: 1378-1381. |
| | Cercopithecidae | *Trachypithecus villosus* | Brandon- Jones, d., Eudey, A. A., Geissmann, t., Groves, C. p., Melnick, D. j., Morales J. C., Shekelle, M. & Steward, C.-B. (2004): Asian primate classification. - International Journal of Primatology, **25**: 97-163. |
| | Cercopithecidae | *Cheirogaleus lavasoensis* | Thiele, d., Razafimahatratra, E. & Hapke, A. (2013): Discrepant partitioning of genetic diversity in mouse lemurs and dwarf lemurs - biological reality or taxonomic bias? - Molecular Phylogenetics and Evolution, **69**: 593-609. |
| | Cercopithecidae | *Microcebus gerpi* | Radespiel, U., Ratsimbazafy, J. H., Rasoloharijaona, S., Raveloson, H., Andriaholinirina, N., Rakotondravony, R., Randrianarison, R. M. & Randrianambinina, B. (2012): First indications of a highland specialist among mouse lemurs (*Microcebus* spp.) and evidence for a new mouse lemur species from eastern Madagascar. - Primates, **53**: 157-170. |
| | Cercopithecidae | *Microcebus marohita*<br>*Microcebus tanosi* | Rasoloarison, R. M., Weisrock, D. W., Yoder, A. D., Rakotondravony, D. & Kappeler, P. M. [2013]: Two new species of mouse lemurs (Cheirogaleidae: *Microcebus*) from Eastern Madagascar. International Journal of Primatology, **34**: 455-469. |
| | Hylobatidae | *Nomascus annamensis* | Van Ngoc Thinh, Mootnick, A. R., Vu Ngoc Thanh, Nadler, T. & Roos, C. (2010): A new species of crested gibbon from the central Annamite mountain range. - Vietnamese Journal of Primatology, **4**: 1-12. |
| | Lorisidae | *Nycticebus kayan* | Munds, R.A., Nekaris, K.A.I. & Ford, S.M. (2013): Taxonomy of the bornean slow loris, with new species *Nycticebus kayan* (Primates, Lorisidae). - American Journal of Primatology, **75**: 46-56. |
| | Pitheciidae | *Cacajao melanocephalus*<br>*Cacajao oukary* | Ferrari, S. F., Guedes, P. G., Figueiredo-Ready, W. M. B. & Barnett, A. A. (2014): Reconsidering the taxonomy of the Black-faced Uacaris, *Cacajao melanocephalus* group (Mammalia: Pitheciidae), from the northern Amazon Basin. - Zootaxa, **3866** (3): 353-370. |

| | | Unità tassonomika kkonċernata | Referenza tassonomika |
|---|---|---|---|
| | Pitheciidae | *Callicebus aureipalatii* | Wallace, R. B., Gómez, H., Felton, A. & Felton, A. (2006): On a new species of titi monkey, genus *Callicebus* Thomas (Primates, Pitheciidae), from western Bolivia with preliminary notes on distribution and abundance. - Primate Conservation, **20**: 29-39. |
| | Pitheciidae | *Callicebus caquetensis* | Defler, T. R., Bueno, M. L. & García, J. (2010): *Callicebus caquetensis*: a new and Critically Endangered titi monkey from southern Caquetá, Colombia. - Primate Conservation, **25**: 1-9. |
| | Pitheciidae | *Callicebus vieira* | Gualda-Barros, J., Nascimento, F. O. & Amaral, M. K. (2012): A new species of *Callicebus* Thomas, 1903 (Primates, Pitheciidae) from the states of Mato Grosso and Pará, Brazil. - Papéis Avulsos de Zoologia (São Paulo), **52**: 261-279. |
| | Pitheciidae | *Callicebus miltoni* | Dalponte, J. C., Silva, F. E. & Silva Júnior, J. S. (2014): New species of titi monkey, genus *Callicebus* Thomas, 1903 (Primates, Pitheciidae), from Southern Amazonia, Brazil. - Papéis Avulsos de Zoologia, São Paulo, **54**: 457-472. |
| | Pitheciidae | *Pithecia cazuzai*<br>*Pithecia chrysocephala*<br>*Pithecia hirsuta*<br>*Pithecia inusta*<br>*Pithecia isabela*<br>*Pithecia milleri*<br>*Pithecia mittermeieri*<br>*Pithecia napensis*<br>*Pithecia pissinattii*<br>*Pithecia rylandsi*<br>*Pithecia vanzolinii* | Marsh, L.K. (2014): A taxonomic revision of the saki monkeys, *Pithecia* Desmarest, 1804. - Neotropical Primates, **21**: 1-163. |
| | Tarsiidae | *Tarsius lariang* | Merker, S. & Groves, C.P. (2006): *Tarsius lariang*: A new primate species from Western Central Sulawesi. - International Journal of Primatology, **27**(2): 465-485. |
| | Tarsiidae | *Tarsius tumpara* | Shekelle, m., Groves, C., Merker, S. & Supriatna, J. (2010): *Tarsius tumpara*: A new tarsier species from Siau Island, North Sulawesi. - Primate Conservation, **23**: 55-64. |
| PROBOSCIDEA | Elephantidae | *Loxodonta africana* | Wilson, D. E. & Reeder, D. m. (1993): Mammal Species of the World: a Taxonomic and Geographic Reference. Second edition. xviii + 1207 pp., Washington (Smithsonian Institution Press). |
| SCANDENTIA | Tupaiidae | *Tupaia everetti* | Roberts, T. E., Lanier, H. C., Sargis, E. J. & Olson, L. E. (2011): Molecular phylogeny of treeshrews (Mammalia: Scandentia) and the timescale of diversification in Southeast Asia. - Molecular Phylogenetics and Evolution, **60** (3): 358-372. |
| | Tupaiidae | *Tupaia palawanensis* | Sargis, E. J., Campbell, K. K. & Olson, L. E.(2014): Taxonomic boundaries and craniometric variation in the treeshrews (Scandentia, Tupaiidae) from the Palawan faunal region. - Journal of Mammalian Evolution, **21** (1): 111-123. |

| | | Unità tassonomika kkonċernata | Referenza tassonomika |
|---|---|---|---|
| **AVES** | | | |
| APODIFORMES | | ismijiet ta' għasafar fuq il-livelli tal-ordni u tal-familja | Morony, J. J., Bock, W. J. & Farrand, J., Jr. (1975): Reference List of the Birds of the World. American Museum of Natural History. 207 pp. |
| | | l-ispeċijiet kollha ta' għasafar - għajr l-unitajiet tassonomiċi msemmija isfel | Dickinson, E.C. (ed.)(2003): The Howard and Moore Complete Checklist of the Birds of the World. Revised and enlarged 3rd Edition. 1039 pp. London (Christopher Helm).<br>flimkien ma'<br>Dickinson, E.C. (2005): Corrigenda 4 (02.06.2005) to Howard & Moore Edition 3 (2003). http://www.naturalis.nl/sites/naturalis.en/contents/i000764/corrigenda%204_final.pdf (disponibbli fuq is-sit web tas-CITES) |
| | Trochilidae | *Chlorostilbon lucidus* | Pacheco, J. F. & Whitney, B. M. (2006): Mandatory changes to the scientific names of three Neotropical birds. - Bull. Brit. Orn. Club, **126**: 242-244. |
| | Trochilidae | *Eriocnemis isabellae* | Cortés-Diago, A., Ortega, L. A., Mazariegos-Hurtado, L. & Weller, A.-A. (2007): A new species of *Eriocnemis* (Trochilidae) from southwest Colombia. - Ornitologia Neotropical, **18**:161-170. |
| | Trochilidae | *Phaethornis aethopyga* | Piacentini, V. Q., Aleixo, A. & Silveira, L. F. (2009): Hybrid, subspecies or species? The validity and taxonomic status of *Phaethornis longuemareus aethopyga* Zimmer, 1950 (Trochilidae). - Auk, **126**: 604-612. |
| FALCONIFORMES | Accipitridae | *Aquila hastata* | Parry, S. J., Clark, W. S. & Prakash, V. (2002) On the taxonomic status of the Indian Spotted Eagle *Aquila hastata*. - Ibis, **144**: 665-675. |
| | Accipitridae | *Buteo socotraensis* | Porter, R. F. & Kirwan, G. M. (2010): Studies of Socotran birds VI. The taxonomic status of the Socotra Buzzard. - Bulletin of the British Ornithologists' Club, **130** (2): 116-131. |
| | Falconidae | *Micrastur mintoni* | Whittaker, A. (2002): A new species of forest-falcon (Falconidae: *Micrastur*) from southeastern Amazonia and the Atlantic rainforests of Brazil. - Wilson Bulletin, **114**: 421-445. |
| PASSERIFORMES | Muscicapidae | *Garrulax taewanus* | Collar, N. J. (2006): A partial revision of the Asian babblers (Timaliidae). - Forktail, **22**: 85-112. |
| PSITTACIFORMES | Cacatuidae | *Cacatua goffiniana* | Roselaar, C. S. & Michels, J. P. (2004): Nomenclatural chaos untangled, resulting in the naming of the formally undescribed *Cacatua* species from the Tanimbar Islands, Indonesia (Psittaciformes: Cacatuidae). – Zoologische Verhandelingen, **350**: 183-196. |
| | Loriidae | *Trichoglossus haematodus* | Collar, N. J. (1997) Family Psittacidae (Parrots). In del Hoyo, J., Elliot, A. and Sargatal, J. (eds.), Handbook of the Birds of the World, **4** (Sandgrouse to Cuckoos): 280-477. Barcelona (Lynx Edicions). |
| | Psittacidae | *Aratinga maculata* | Nemesio, A. & Rasmussen, C. (2009): The rediscovery of Buffon's "Guarouba" or "Perriche jaune": two senior synonyms of *Aratinga pintoi* Silveira, Lima & Höfling, 2005 (Aves: Psittaciformes). - Zootaxa, 2013: 1-16. |

| | | Unità tassonomika kkonċernata | Referenza tassonomika |
|---|---|---|---|
| | Psittacidae | *Forpus modestus* | Pacheco, J. F. & Whitney, B. M. (2006): Mandatory changes to the scientific names of three Neotropical birds. - Bull. Brit. Orn. Club, 126: 242-244. |
| | Psittacidae | *Pionopsitta aurantiocephala* | Gaban-Lima, R., Raposo, M. A. & Höfling, E. (2002): Description of a new species of *Pionopsitta* (Aves: Psittacidae) endemic to Brazil. - Auk, 119: 815-819. |
| | Psittacidae | *Poicephalus robustus*<br>*Poicephalus fuscicollis* | Coetzer, W.G., Downs, C.T., Perrin, M.R. & Willows-Munro, S. (2015): Molecular Systematics of the Cape Parrot (*Poicephalus robustus*). Implications for Taxonomy and Conservation. - PLoS ONE, 10(8):e0133376. doi: 10.1371/journal.pone.0133376. |
| | Psittacidae | *Psittacula intermedia* | Collar, N. J. (1997) Family Psittacidae (Parrots). In del Hoyo, J., Elliot, A. and Sargatal, J. (eds.), Handbook of the Birds of the World, 4 (Sandgrouse to Cuckoos): 280-477. Barcelona (Lynx Edicions). |
| | Psittacidae | *Pyrrhura griseipectus* | Olmos, F., Silva, W. A. G. & Albano, C. (2005: Grey-breasted Conure *Pyrrhura griseipectus*, an overlooked endangered species. - Cotinga, 24: 77-83. |
| | Psittacidae | *Pyrrhura parvifrons* | Arndt, T. (2008): Anmerkungen zu einigen *Pyrrhura*-Formen mit der Beschreibung einer neuen Art und zweier neuer Unterarten. - Papageien, 8: 278-286. |
| STRIGIFORMES | Strigidae | *Glaucidium mooreorum* | Da Silva, J. M. C., Coelho, G. & Gonzaga, P. (2002): Discovered on the brink of extinction: a new species of pygmy owl (Strigidae: *Glaucidium*) from Atlantic forest of northeastern Brazil. - Ararajuba, 10(2): 123-130. |
| | Strigidae | *Ninox burhani* | Indrawan, M. & Somadikarta, S. (2004): A new hawk-owl from the Togian Islands, Gulf of Tomini, central Sulawesi, Indonesia. - Bulletin of the British Ornithologists' Club, 124: 160-171. |
| | Strigidae | *Otus thilohoffmanni* | Warakagoda, D. H. & Rasmussen, P. C. (2004): A new species of scops-owl from Sri Lanka. - Bulletin of the British Ornithologists' Club, 124(2): 85-105. |
| **REPTILIA** | | | |
| CROCODYLIA & RHYNCHOCEPHALIA | | Crocodylia & Rhynchocephalia għajr l-unitajiet tassonomiċi msemmija isfel | Wermuth, H. & Mertens, R. (1996) (reprint): Schildkröte, Krokodile, Brückenechsen. xvii + 506 pp. Jena (Gustav Fischer Verlag). |
| | Crocodylidae | *Crocodylus johnstoni* | Tucker, A. D. (2010): The correct name to be applied to the Australian freshwater crocodile, *Crocodylus johnstoni* [Krefft, 1873]. - Australian Zoologist, 35(2): 432-434. |
| | Sphenodontidae | *Sphenodon* spp. | Hay, J. M., Sarre, S. D., Lambert, D. m., Allendorf, F. W. & Daugherty, C. H. (2010): Genetic diversity and taxonomy: a reassessment of species designation in tuatara (*Sphenodon*: Reptilia). - Conservation Genetics, 11 (93): 1063-1081. |
| SAURIA | | għad-delimitazzjoni tal-familji fi ħdan is-Sauria | Pough, F. H., Andrews, R. M., Cadle, J. E., Crump, M. L., Savitzky, A. H. & Wells, K. D. (1998): Herpetology. Upper Saddle River/New Jersey (Prentice Hall). |

| | | Unità tassonomika kkonċernata | Referenza tassonomika |
|---|---|---|---|
| | Agamidae | *Saara* spp.<br>*Uromastyx* spp. | Wilms, T. M., Böhme, W., Wagner, P., Lutzmann, N. & Schmitz, A. (2009): On the phylogeny and taxonomy of the genus *Uromastyx* Merrem, 1820 (Reptilia: Squamata: Agamidae: Uromastycinae) - resurrection of the genus *Saara* Gray, 1845. - Bonner zool. Beiträge, 56(1-2): 55-99. |
| | Chamaeleonidae | Chamaleonidae spp. | Glaw, F. (2015): Taxonomic checklist of chamaeleons (Squamata: Chamaeleonidae). — Vertebrate Zoology, 65(2): 167-246.<br>(http://www.senckenberg.de/files/content/forschung/publikationen/vertebratezoology/vz65-2/01_vertebrate_zoology_65-2_glaw_167-246.pdf) |
| | Cordylidae | Cordylidae spp. għajr l-unità tassonomika msemmija isfel | Stanley, E. L., Bauer, A. M., Jackman, T. R., Branch, W. R. & P. le F. N. (2011): Between a rock and a hard polytomy: rapid radiation in the rupicolous girdled lizards (Squamata: Cordylidae). - Molecular Phylogenetics and Evolution, **58**(1): 53-70. |
| | Cordylidae | *Cordylus marunguensis* | Greenbaum, E., Stanley, E. L., Kusamba, C., Moninga, W. m., Goldberg, S. R. & Cha (2012): A new species of *Cordylus* (Squamata: Cordylidae) from the Marungu Plateau of south-eastern Democratic Republic of the Congo. - African Journal of Herpetology, 61 (1): 14-39. |
